**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 23**

**Data:** **18 ta' Dicembru, 2020**

**Hin:** **08.37am**

**Post:** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

23.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

23.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

23.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

23.5 Korrispondenza u Rapporti;

23.6 SPI.SCI.7.2020 Espressjoni ta' Interess - 'Smart Solutions' ghall-Immaniggjar tal-Iskart;

23.7 Attivitajiet tal-Milied;

23.8 Punti ghal-Laqgha Annwali;

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

23.9 Progetti u Xogholijiet;

23.10 Materji ohra;

23.11 Skeda ta' Pagamenti;

23.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**23.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

23.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologija.

**23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

23.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**23.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

23.3.1 Is-Sindku spjega li xi bdiewa kienu kellmuh sabiex jitolbu l-assistenza tal-Kunsill biex titranga t-triq bis-siment li saret permezz tal-progett tal-fondi rurali u Dahlet Maxwell li qeghda fuq ix-xaqliba tal-konfini tal-Gharb u din ma saritx. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel unanimament li ghandhom jinghataw l-assistenza mehtiega.

23.3.2 Is-Sindku qal li kien iddiskuta mill-Arcipriet sabiex il-Kunsill titwaqqaf tinda b'mod temporanju fejn fl-Lejliet il-Milied tkun tista' toffri iktar spazju fejn in-nies ikunu jistghu jattendu ghan-novena u ghall-Quddies fil-Millied fid-dawl tal-pandemija u restrizzjonijiet esistenti. Huwa spjega li wara li intalbu l-prezzijiet gie innotat li din ser tiswa lill-Kunsill l-ammont ta' €1000 + VAT. Wara li giet diskussa din il-materja l-Kunsill qabel unanimament li ghandha titpogga din it-tinda u jitpoggew ukoll l-outdoor heaters li ghandu l-Kunsill. Min-naha tieghu l-Arcipriet ser ikun qed jipprovdi screens sabiex wiehed ikun jista' isegwi il-quddies fl-kumdita'. Il-Kunsill qabel li din ghandha tithalla fuq il-post sa wara l-1 ta' Jannar fejn ikunu qeghdin jigu ccelebrati l-festi tal-kwaranturi fil-parrocca.

23.3.3 Dwar r-rigal tat-tfal li kien hemm qbil li kien ser jitqassam fis-27 ta' Dicembru, gie innotat li dan jista' jkun ta' problema minhabba li fl-istess gurnata ser ikun qed jitqassam token zghir lill-familji. Ghaldaqstant giet diskussa l-possibilita' ta' meta jista' jitqassam fejn is-Sindku ssugerixxa li jsir wara l-quddiesa tal-Hadd ta' l-10am li tkun dik tan-novena ghat-tfal. Il-Kunsill qabel li sakemm ma jkunx maltemp ghandhom jitqassmu f'din il-gurnata ssugerita. F'kaz ta' maltemp ghandha tinstab gurnata ohra alternattiva. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jaghmel reklam ta' dan permezz ta' l-ghajnuna ta' l-iskola, fuq il-midja socjali u sms.

23.3.4 Saret referenza ghall-partecipazzjoni ta' kor ghal waqt il-festi tal-Milied liema

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

kor ser ikun sponsorjat bl-ghajnuna tar-Regjun t'Ghawdex. Is-Sindku spjega li kien gie identifikat il-kor tal-Gaulitana li dawn jistghu jaghtu l-performance taghhom fit-30 ta' Dicembru, 2020. Gie issugerit li ghandha ssir stedina lill-Ministru ghal Ghawdex flimkien mall-President u Segretarju fejn fl-istess waqt issir drink ta' l-okkazjoni fil-pjazza dejjem jekk ir-restrizzjonijiet ma jizdidux. Jekk it-temp ma jkunx jippermitti l-Kunsill qabel li ghandu jitlob lill-Arcipriet sabiex issir taht it-tinda fuq iz-zuntier. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir din l-attivita' kif issuggerit.

23.3.5 Is-Sindku nforma lill-membri li t-talba ghad-devoluzzjoni taz-zona tal-madwar il-grawnd tal-futbol kienet giet rifjutata min-naha tad-Dipartiment ta' l-Artijiet. Gie spjegat li kien hemm possibilita' li jsir appell u l-Kunsill kien appella fejn diga kienet saret l-ewwel seduta pero' kienet giet posposta ghall-14 ta' Jannar. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel mad-decizjoni mehuda.

23.3.6 Is-Sindku qal li fil-grawnd tal-futbol kellu jibda' x-xoghol ta' manutenzjoni u irrangar ta' difetti li kienu saru meta sar il-progett. Dan kollu ser isir ghas-spejjez tal-kuntrattur li ghamel il-progett. Fil-fatt illum hemm il-haddiema tal-kuntrattur li kienu qeghdin jirrangaw ir-*rubber* tat-trakka tal-giri u ser jaghtuha l-kulur skond l-istandards u jkomplu ix-xoghol kif mehtieg sabiex ikun iccertifikat ix-xoghol.

23.3.7 B'zieda max-xogholijiet relatati fiz-zona tal-grawnd is-Sindku qal li l-Gharb Rangers F.C. kollaborazzjoni mall-Kunsill kienet saret applikazzjoni fl-2019 sabiex jinbidlu d-dwal tal-grawnd biex minflokhom isiru ohrajn LEDs li jikkonsmaw inqas. Huwa qal li bhala fondi gew approvati 80% u l-20% iridu jinhargu mill-club innifsu. Is-Sindku qal li bhala club m'ghandux fondi minn fejn u ghaldaqstant huwa ssugerixxa li dan jithallas mill-Kunsill anke ghall-punt li l-grawnd huwa propjeta' tal-Kunsill u d-dawl jithallas mill-Kunsill u dan ser jaghmel differenza fuq il-hlas tal-konsum. Ghaldaqstant il-Kunsill ser ikun qed jiggwadanja meta' jaghmel dan l-investiment. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel ma' dan is-suggeriment.

23.3.8 Is-Sindku qal li kien hemm possibilita' ta' gemellagg li jirrigwardja s-Santwarji. Huwa spjega li bhala Kunsill nistghu nippartecipaw peress li fir-rahal taghna ghandna s-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Il-Kunsill qabel li ghandu juri l-interess tieghu f'dan il-gemellagg.

23.3.9 Is-Sindku qal li kien gie avvicinat minn persuna fejn talbet li jsir fanal fejn il-Kappella ta' San Dimitri. Huwa spjega li din l-istess persuna kienet offriet li jekk jehel il-fanal hija tiehu hsieb tieghu. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob il-permesi mehtiega u jekk jigu approvati dan il-fanal ikun jista' jehel.

23.3.10 Gie diskuss il-Busker Festival fejn is-Sindku qal li nhar it-Tnejn ser issir laqgha dwar dan il-festival flimkien ma' l-ghaqdiet lokali sabiex jigi diskuss l-assistenza min-naha taghhom. Il-hsieb huwa li kull *performer* ikollu lil xi hadd mill-ghaqdiet mieghu sabiex imexxih. Kif gie diga maqbdul waqt dan il-festival ser

jinghata token zghir lil kull familja.

23.3.11 Gie spjegat li xi residenti li joqghodu fi Triq Molina kienu qed jissottomettu talba ghal parkegg ghal persuni b'dizabilita'. Is-Sindku spjega li wiehed l-parkegg li hemm prezenti fi Triq Trux mhux ser jibqa' hemm peress li l-vettura tal-persuna b'dizabilita' li kienet ghamlet talba ghaliha mhux ser tuza aktar il-vettura u ghaldaqstant dan jitnehha. Ghal dan il-ghan gie suggerit li dan jitmexxa fi Sqaq Numru 1 fi Triq M. Molina. Il-Kunsill qabel li din it-talba ghandha tghaddi ghand it-Transport Malta sabiex jivverifikaw min-naha taghhom.

23.3.12 Is-Sindku qal li fil-Milied ser titqassam l-ikla tal-Milied. Gie spjegat li l-Kunsill qed jikkuntatja lir-residenti li applikaw. Bhala ikel ser ikollhom lasagna u dundjan. Gie spjegat li dawn ir-residenti gew avzati permezz ta' avviz generali u wara intbghatet ittra. L-ikel ser ikun provdut minghand James Catering.

23.3.13 Is-Sindku spjega li saret talba ghal bozza gdida fil-parti t'isfel ta triq trux fejn kienet tnehhiet bozza sabiex tehel ohra minfloka ma' arblu. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir l-applikazzjoni sabiex tehel wahda gdida.

23.3.14 Il-Kunsill iddiskuta meta tista' ssir l-ikla tal-Milied ghall-Kunsilliera fejn gie maqbul li din ghandha ssir it-Tlieta 29 ta' Dicembru f'Ta' Frenc Restaurant fis-6.30pm.

## 23.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

23.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

## 23.5 Korrispondenza u Rapporti

23.5.1 Gie trattata korrispondenza minghand persuna dillettant tal-brilli dwar problemi li qed jiltaqghu maghhom il-grupp tal-brilli. Is-Sindku qal li din il-persuna kienet qeghda titlob li tinsab art fejn il-grupp ikun jista' jilghab il-brilli peress li t-triq m'ghadiex vijabli li jilghabu gewwa fiha. Gie innotat ukoll li din il-loghba kien ilha tintlghab fit-triq minn zmien twil u kienet tradizzjoni. Joseph Mizzi qal li mhux sewwa fl-istess hin li tittiehed art minghand in-nies. Is-Sindku qal li din il-persuna kienet semmiet bicca art fi Triq Birbuba li kienet art tal-Lands u ohra fejn il-bus shelter fi Triq Santu Pietru li hija privata. Tkompliet id-diskussjoni fejn gie innotat li trid tinstab bicca art li tkun kbira apposta ghalihom. Tonio Mifsud qal li dawn qeghdin jiltaqghu ma' problema minhabba li minkejja li hemm it-tabelli l-vetturi xorta wahda qeghdin jipparkjaw f'dan il-post u ghaldaqstant il-grupp qed ikolu joqghod ifittex jew icempel lin-nies biex inehhu l-vetturi taghhom u apparti dan in-nies li jghaddu miz-zona jieqfu jarawhom jilghabu u kultant ikunu ta' ostaklu. Huwa zied jghid li huwa sabiex li tiltlghab gewwa t-triq pero' huwa ta' l-opinjoni li dawn ghandhom dritt li jkollhom zona ghalihom. Kien hemm qbil li ssir petizzjoni mall-membri tal-grupp tal-brilli biex nisimghu l-punti tal-membri kollha u li ilhom parti minn dan il-grupp ghal diversi snin. Is-Sindku zied jghid li tajjeb ukoll li jkun hemm ittra ffirmata mill-membri kollha li huma qed jitolbu li jitharku mill-post ezistenti sabiex ikun *recorded* li t-

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

talba qeghda ssir min-naha taghhom u ma jigix miftiehem li dan sar mill-Kunsill.

Sar kuntatt mall-persuna koncernata fejn dan spjega l-problema li ghandu l-grupp fit-triq fejn apparti t-traffiku hemm problema li jipparkjaw il-vetturi. Immarka ukoll li fil-gurnata tal-lum biex tilghab fit-triq huwa perikoluz minhabba l-ammont ta’ vetturi li jkun hawn fit-toroq. Huwa qal li diga kien tkellem ma’ l-Onor. Clifton Grima fejn dan kien offra l-ghajnuna tieghi fil-bini ta’ sit galdarba jinstab post. Zied jghid li jippreferi zona fejn l-art tkun tal-Gvern u ghaldaqstant issugerixxa post ma genb il-playing field ta’ Triq Birbuba. Huwa spjega li kien qieghed jahdem fuq il-loghba tal-brilli u qal li dahhal din il-loghba bhala parti mill-inventeraju tal-wirt kulturali u UNESCO Cultural Heritage ghax ma xtaqx li din tispicca. Is-Sindku rringrazzja lir-resident tal-kummenti tieghu u intemmet it-telefonata.

Tonio Mifsud issugerixxa li jinghalqu darba kull wiehed il-pjazzez u jkunu jistghu jintuzaw ghall-brilli. Is-Sindku qal li ahjar li jibqghu f’post wiehed peress li l-probabilita’ dawn ikunu jridu jibqghu fl-istess post li dejjem kienu jilghabu fih. Fl-istess waqt huwa ssugerixxa li tinghalaq il-pjazza z-zghira fi Pjazza Santu Pietru ghal dan l-uzu.

Sadanittant il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel appuntament ma’ dawn il-persuni anke online biex din il-materja tigi diskussa aktar fid-dettal. Is-Sindku qal ukoll li huwa kien f’diskussjoni sabiex jinstab grupp iehor simili barra min Malta u jkun jista’ jsir gemellagg. Filfatt huwa kien sab grupp u huwa ssugerixxa li dan jista’ jkun gemellagg gdid fejn isir festival ta’ loghob tradizzjonali biex din it-tradizzjoni u kultura ma timtemx.

23.5.2 Giet trattata cirkulari SPI.SCI.8.2020 mid-Dipartment tal-Gvern Lokali dwar applikazzjoni Espressjoni ta’ interess – Il-Belt jew Rahal Kulturali tas-Sena 2022.Giet diskussa din ic-cirkulari fejn il-Kunsill qabel li ghandu jitwaqqaf sotto-kumitat li jiddiskuti l-attivitajiet li jistghu jigu inkluzi fil-program ta’ attivitajiet.

23.5.3 Gew trattati s-segwenti applikazzjonijiet minghand l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar: PA/08122/20 u PA/08565/20

**23.6 SPI.SCI.7.2020 Espressjoni ta’ Interess - ‘Smart Solutions’ ghall-Immaniggjar tal-Iskart**

23.6.1 Giet trattata cirkulari SPI.SCI7.2020 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Espressjoni ta’ Interess – ‘Smart Solutions’ Ghall-Immaniggjar tal-Iskart. Is-Sindku spjega li huwa kien iltaqa’ ma’ Joseph Mizzi li huwa responsabbli mill-Iskart fejn iddiskutew x’jista’ jigi inkluz f’din l-applikazzjoni. Proposti li kienu gew diskussi kienu li l-iskart jibda’ jingabar kull nhar ta’ Sibt is-sena kollha, li jsir sistema ta’ gbir ta’ skart that l-art pero’ din tiswa madwar €35,000. Miriam Borg issugeriet ukoll li ssir bring-in-site ohra gewwa l-lokalita’ pero’ gie innotat li Kunsilli ohra kienu nehhewhom ghax kienu jigbru l-hmieg madwarhom. Is-

Sindku ssugerixxa li s-sistema ta' taht l-art ikollhom wiehed ghal skart organiku u ohra ghal skart imhallat. Is-Sindku zied jghid li barra minn Malta jezistu sistemi fejn bins ikunu apposta per ezempju ghal borza bil-kulur u jekk tmur b'borza differenti l-bin ma jinfetahx. Meta jinfetah dan jigi trasportat post iehor. Tonio Mifsud innota li l-cameras li twahhlu kienu effettivi u fil-fatt l-isart minn dawn iz-zoni naqas. Fuq dan il-punt is-Sindku qal li hemm il-possibilita' li l-LESA tiehu hsieb tiehu hsieb il-monitoring tal-cameras.

**23.7 Attivitajiet tal-Milied**

23.7.1 Din il-materja giet diskussa waqt il-komunikazzjoni tas-Sindku.

**23.8 Punti ghal-Laqgha Annwali**

23.8.1 Gie spjegat f'hiex kienet tikkonsisti l-allokazzjoni finanzjarja ta' din is-sena pero' bhala sena finanzjarja kien ghadha ma ghalqietx. Ghal laqgha annwali r-residenti kienu gew mistiedna jibghatu d-domani / talbiet taghhom permezz ta' email peress li minhabba l-pandemija, l-Kunsill kien qabel li m'ghandhomx jigu mistiedna jattendu fizikament. Gie spjegat li kienet waslet ittra fejn resident kien qed jitlob li jsiru no parking signs u slow signs fil-parti d-dejqa ta' triq Birbuba. Fuq dan il-punt Tonio Mifsud qal li huwa jaqbel li ghandhom isiru traffic lights. Is-Sindku qal li huwa kellu diga laqgha fuq din iz-zona mat-Transport Malta fejn kien talab ghall-feedback taghhom qabel tintbghat ittra lir-residenti kif kien gie diskuss precedentament. Is-Sindku zied jghid li apparti dan huwa kien talab ukoll li ssir site visit fir-rigward taz-zebra crossing taz-zona tal-Fgura sabiex tigi diskussa aktar fid-dettal.

Tkompliet id-diskussjoni fuq il-laqgha annwali fejn skond il-previzjoni jidher li l-Kunsill kien qieghed f'posizzjoni finanzjar tajba peress li din is-sena minhabba l-pandemija kienu thassru l-attivitajiet ghalhekk fl-istess waqt kienu ttiehdu inizjattivi ohra. Huwa spjegat li ghas-sena d-diehla kien hemm ix-xogholijiet relatati mall-bini tal-hitan tas-sejjieh u l-progett tal-meeting hub li kellu jinghata bidu f'Jannar. Inkluz ma' dawn kien hemm ix-xogholijiet fuq it-toroq li ta' dan jirringrazzja lill-Ministeru ghal Ghawdex u progett ta' LC Care li jikkoncerna l-harsien ta' l-annimali.

Is-Sindku qal li jekk il-pandemija tippermetti l-Kunsill ikun f'posizzjoni li jkompli bil-program ta' attivitajiet inkluz l-gemellaggi fejn hemm madwar 4 sa 5 pajjizi involuti. Apparti mind an hemm ukoll gemellagg li jinkludi l-gruppi tal-brilli u s-santwarju nazzjonali u ohrajn li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni. Huwa zied jghid li apparti dan hemm ukoll kalendarju kulturali mimli fejn din is-sena kien imnaqqas pero' wiehed jispera li s-sena d-diehla ikun ahjar u ikbar.

Gie spjegat li l-Budget tas-sena d-diehla qed jigi ppreparat.

Gie spjegat ukoll li l-festival ta' l-Opera li kellu jsir f'Novembru bhala budget ma

intuzax peress li l-attivita’ ma saritx u fir-rigward tal-kite qed jinhadmu l-ispejjez u jista’ jkun li jintuza parti mill-budget tal-fondi disponibbli mid-Dipartiment.

Tonio Mifsud staqsa jekk l-attivita’ tas-27 ta’ Dicembru hux ser tigi ffilmajta. Il-Kunsill iddiskuta dwar dan u qabel li ghandha tigi ffilmjata.

**23.9 Progetti u Xogholijiet**

23.9.1 Is-Sindku qal li b’zieda mall-progetti imsemmija aktar kmieni fil-laqgha, l-kuntrattur tat-toroq weighed li ser ikun qed jibda’ x-xogholijiet fi Triq Birbuba mill-gimgha d-diehla. Is-Sindku ta spjegazzjoni tax-xogholijiet li ser ikunu qed isiru.

**23.10 Materji ohra**

23.10.1 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-attivita’ li jmiss fejn din hija l-attivita’ relatata ma’ l-anniversarju ta’ Frangisk Portelli li tahbat fl-4 ta’ Frar, 2021. Il-Kunsill iddiskuta din l-attivita’ u qabel li jekk ikun possibli li ssir ghandha tehel irhama fejn hemm il-post li kien jghix fih fi Triq l-Gharb.

23.10.2 Tonio Mifsud staqsa dwar l-applikazzjoni tal-mithna ta’ Triq il-Knisja. Gie spjegat li saru tlett applikazzjonijiet wahda li tinkludi r-restawr tal-mithna, ohra dwar fondi ulterjuri ghall-progett tat-toroq u ohra ghaz-zona tal-grawnd.

**23.11 Skeda ta’ Pagamenti**

23.11.1 L-Iskeda tal-pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill.

**23.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.**

23.12.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Gimgha, 29 ta’ Jannar, 2020 fit-8.30am.

23.12.2 Il-laqgha spiccat fil-9.52am.

Konfermati minn

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv